# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 9 TA' NOVEMBRU, 2000.

**Kawza Nru. 22.**

**Citazz. Nru. 1677/00 JRM.**

**Jack Serra Limited.**

**vs**

**Silchem Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremetiet;

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elfejn u tmien liri u disa u sebghin centezmu oltre

imghax legali rapprezentanti bilanc ta' somma akbar prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata;

Illi nonostante il-fatt li s-socjeta' konvenuta giet interpellanta diversi drabi sabiex thallas dan l-ammont din baqghet inadempjenti;

Illi l-ammont hawn fuq imsemmi huwa cert likwidu u dovut;

Ghalhekk is-socjeta' konvenuta talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elfejn u tmien liri u disa u sebghin centezmu, oltre l-imghax bit-8% mid-dati tal-invoices relativi sad-data tal-pagament effettiv, rapprezentanti bilanc ta' somma akbar prezz ta' merkanzija miobjugha u kkonsenjata;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' Qbid numru 2347/00 fl-istess ismijiet u l-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta minn issa stess ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-noti tas-socjeta' attrici li biha rriduciet it-talba bi tlett mija sitta u tmenin liri Maltin u erbgha centezmi (Lm386.04) stante pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta li biha ammettiet it-talba kif ridotta;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, it-talba ridotta tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici limitatament ghas-somma ta' elf sitt

mija tlieta u ghoxrin liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm1623.75) u bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kontra is-socjeta' konvenuta.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**9, ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**9, ta' Novembru, 2000.**